MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 97/2003/2

**Carmelo Farrugia.**

**vs**

**Grezzju Farrugia u Mario Farrugia.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ Carmelo Farrugia datat 13 ta’ April 2007 a fol. 151 tal-process fejn espona:-

Illi l-attur permezz tal-Avviz minnu pprezentata fit-13 ta’ Frar tas-sena 2003, numru 97/03, kien talab lill-Qorti:

i) Biex tikkundanna lill-konvenuti jizgumbraw il-gebel u l-materjal kollu li ghamlu fil-passat komuni fit-13 ta’ Frar tas-sena 2002 fir-raba’ imsejjah tal-Papa fil-limiti ta’ Hal-Far/Birzebbuga, kif ghadu sallum, bi ksur tal-

kundizzjonijiet kuntrattwali tal-iskrittura privata tal-11 ta' Ottubru tal-1995, kopja annessa, li tirregola l-uzu tar-raba' mill-partijiet, mikrija lilhom flimkien mal-attur, minghand il-Gvern;

ii) Illi jhallsu l-multa ta' elf Liri Maltin, (Lm1,000), kull wiehed talli kisru l-kondizzjonijiet tal-iskrittura, kif provdut mill-istess fl-artikolu 5;

iii) Inkluz kull penali ohra provduta sa kemm hekk idum jiksru l-istess skrittura;

iv) Illi ghall-finjiet tal-kompetenza ddikjara li l-valur lokatizju ta' din il-qbiela huwa ta' tlieta u erbghin Liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm43.27) fis-sena.

v) Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Dicembru tas-sena 2001, kontra l-konvenuti, minn issa ngunti in subizzjoni;

Illi l-konvenuti kienu eccepew fit-23 ta' April tas-sena 2003;

i) Illi primarjament jigi n-nullita` tal-avviz u dan peress illi l-ghalqa mertu ta' din il-kawza tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti rispettiva tal-partijiet izda l-kawzi saru kontra wiehed mill-konjugi;

ii) Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni jigi fit-tieni lok eccepit illi ma kien hemm ebda ksur ta' xi obbligazzjoni li l-konvenuti setghu kkuntrattaw mal-attur kif allegat mill-attur fl-avviz;

iii) Fit-tielet lok, eccepew illi l-konvenuti bl-ebda mod ma pprivaw l-attur mit-tgawdija tieghu ghal xi parti minn din ir-raba' li huwa mikri lill-kontendenti *in solidum* mid-Direttur tal-Artijiet;

Illi L-Qorti tal-Prim' Istanza semghet ix-xhieda prodotti u rat id-dokumenti ezebiti,

Illi l-Qorti semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet.

Illi l-Qorti rat kemm id-decizjoni taghha tat-30 ta’ Gunju tal-2004 u dik tal-Qorti tal-Appell tas-16 ta’ Marzu tas-sena 2005.

Illi l-Qorti regghet semghet ix-xhieda prodotta.

Illi l-Qorti rat ukoll l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti debitament awtorizzata u datata 27 ta’ Gunju tas-sena 2006 li permezz taghha eccepew li l-attur huwa sprovist mil-ligi u konsegwentament mhux il-legittimu kontradittur.

Illi l-Qorti rat ukoll il-verbal tal-partijiet tal-24 ta’ Jannar tal-2007 li permezz tieghu “il-partijiet qed jaqblu li qed jittrattaw it-talbiet kollha indikati fl-avviz promotur”.

Illi l-Qorti semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet.

Illi l-Qorti fis-27 ta’ Marzu tas-sena 2007 ddecidiet il-kawza billi sabet illi l-attur ma ghandux *locus standi* fil-proceduri odjerni u allura ma ghandu l-ebda interess guridiku x’ jivvanta fil-konfront tal-konvenuti. Ghaldaqstant dik il-Qorti rrespingiet it-talba rimanenti tal-attur bl-ispejjez.

Illi l-esponenti hass ruhu aggravat minn dik is-sentenza u qed jinterponi umli appell mill-istess.

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti;

i) Illi l-ewwel aggravju huwa fis-sens li t-talba tal-appellanti attur Carmelo Farrugia hija bbazata fuq l-iskrittura privata li l-kontendenti ahwa Farrugia ffirmaw biex jirregolaw ir-relazzjonijiet ta’ bejniethom kif tirrizulta ezebita mal-avviz tal-esponenti. Ghalkemm il-partijiet kienu krew *in solidum* ir-raba’ hemm imsemmi fil-fatt u bi ftehim bejniethom kienu fthemu kif kellhom igawdu l-istess raba’, kull parti tgawdi dik il-parti assenjata lilha reciprokament, u dan taht dawk il-multi u penali stipulati fl-istess skrittura fil-paragrafu 5, jekk jonqsu lejn xulxin.

Illi l-ksur li l-attur qed jippretendi li sar mill-konvenuti kien propju l-ingombru tal-passag li bejniethom kien baqa' komuni, u li minnu huwa kien jaccedi ghall-parti assenjata lilu bl-iskrittura u li kien qed jipprepara biex jahdem. Dan l-ingombru sar propju biex ifixkel il-pjan tal-attur ghall-parti tieghu wara l-gibjun.

Illi l-bazi tal-azzjoni dejjem kienet u baqghet il-ksur ta' din l-iskrittura mhux il-fatt li kellhom il-qbiela *in solidum* minn ghand il-Gern. L-esponenti pprova dan il-ksur biex xhieda li huwa pproduca li ma giex ikkontestat bhala fatt imma tressqu biss skuzanti sfurzati ghall-agir illegali. Gie sahansitra allegat li l-esponenti ghax kellu parti mill-hajt tal-ghalqa jmiss mat-triq allura kellu access kieku waqqa' l-hajt meta kien hemm l-ingombru. Tant kien hekk li eventwalment l-ingombru tnehha mill-konvenuti appellati nfushom.

2. Illi t-tieni aggravju huwa l-esponenti dejjem kellu u dejjem baqa' li ghandu interess guridiku biex jeradika l-azzjoni tieghu kontra l-konvenuti appellati. Jinghad bir-rispett li din l-eccezzjoni tqajmet meta l-konvenuti saru jafu li l-attur kien trasferixxa taht certi kondizzjonijiet lil uliedu l-kirja tar-raba' mertu tal-kwistjoni. Dan sar wara li l-kawza kienet ilha zmien li bdiet u wara li kien sar l-att tal--ingombru li kiser l-iskrittura u l-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet.

Illi fil-kaz odjern huwa essenzjali li jittiehed in konsiderazzjoni l-element taz-zmien. Dan peress li m' hemmx dubju li kien l-attur u mhux uliedu li bata l-ingombru u t-telfien tad-drittijiet tieghu li marru minn taht, mhux dawk ta' uliedu. Jigi sottomess umilment li dan jfisser li kien u huwa biss l-attur li seta' u jista' jinsisti biex l-iskrittura tigi nfurzata u li l-multa tigi mposta. Dan peress li fic-cirkustanzi li jinsab fihom l-esponenti jrid u jinsisti li l-patt ta' bejniethom ghandhom josservawh altrimenti jbatu lkonsegwenzi. Il-principju legali huwa *pacta sunt servanda*, u propju dan li qed jitlob l-attur appellanti, li hutu joqghodu ghall-kondizzjonijiet tal-ftehim li dahlu ghalih flimkien biex bejniethom tirrenja l-paci.

Illi huwa risaput fil-gurisprudenza nostrana li "*l-interess guridiku ghandu jkun attwali, jigifieri li ghandu jkun jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni u li l-interess jehtieg li jkun konkret personali u sussistenti di fronte ghall-konvenuti maghzula bhala legittimi kontradditturi tad-domanda."* (Vol XLI. Ptii. P.1051.) . Ara wkoll McGregor vs. Abela G. 27 ta' Mejju 82.Qorti tal-Kummerc.

Illi fil-kaz odjern m'hemmx dubju li l-attur fil-mument li ppropona l-azzjoni kien l-uniku persuna li bata t-telfien tad-drittijiet bl-azzjoni tal-appellati konvenuti. Harsa lejn il-pjanta tar-raba' malajr wiehed jinduna li bl-ingombru tal-gebel fil-passagg huwa ma setax jaccedi kif dejjem ghamel ghall-parti tieghu mir-raba' ta' bejniethom. Lanqas ma jista' jinghad li l-interess tieghu ma hux konkret, personali u sussistenti ghall-konvenuti appellati. Tant huwa konkret t-telfien tal-attur li l-iskrittura tivvalutah u tipprezzah f' multa ta' Lm1,000. Huwa nteress personali hafna ghax huwa kellu u ghandu d-dritt li jgawdieh ghax kkonserva favurih d-dritt li jaccdi fuq l-istess raba' u zamm interess finanzjarju fic-cessjoni a favur uliedu (ara l-iskrittura ta' cessjoni fl-atti). Dan l-interess jissussisti biss kontra l-konvenuti li deherilhom li kellhom id-dritt li jiksru l-ftehim bejniethom. Kien l-agir taghhom llegali li kiser d-dritt tal-attur appellanti u huwa biss kontra taghhom li l-attur ghandu l-azzjoni.

3. Illi hemm imbaghad it-tielet aggravju u dan huwa li l-esponenti zamm favurih interess attwali u guridiku. Jinghad bla pregudizzju ghal dak li jinghad qabel, li minn ezami tal-iskrittura ta' cessjoni favur uliedu, jirrizulta li ma kienx hemm semplici bdil ta' kerrej. Fil-fatt kien hemm ftehim li waqt li jkun hemm cessjoni tat-titolu formali tat-kirja minn ghand il-gvern, a favur l-ulied, kien hemm arrangament u pattijiet biex il-qasma tal-ko-inkwilini tigi rispettata, biex dawna ma jigux ppregudikati. Gie miftiehem b'mod inekwivokabbli li l-pattijiet tat-1995 kellhom jibghu vinkolanti u l-koncessjonarji ghadhom jirrispettawhom.

Illi mhux hekk biss. Fl-artiklu numru 4 jinghad li l-koncessjonarji inkluz l-attur fil-kawza kienu qed jirriservaw favurihom d-dritt ta' access fir-raba' u mieghu rriservaw li jiehdu 10% mill-prodott agrikolu. Dan jfisser jigi umilment sottomess, li l-attur hawn appellanti anki llum zamm favurih interess li huwa guridiku u jtih d-dritt li kontra l-konvenuti appellati jagixxi anki issa jekk dawna jcahhduh mid-drittijiet tieghu kif jirrizultaw mill-iskrittura ta' cessjoni. Is-sens kollu ta' dak li sar fil-fatt jindika li l-ezercizzju ta' cessjoni tal-kirja sar bil-mod biex ihalli lill-esponenti bi drittjiet u b'interessi veri u personali fuq ir-raba' mertu tal-kawza.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt li interpona appell mis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-27 ta' Marzu 2007 fl-ismijiet premessi, u rriserva li jgib in sostenn dawk il-provi kollha skond il-ligi, talab bir-rispett illi din il-Qorti joghgobha tbiddel u tvarja s-sentenza appellata billi, waqt li tichad l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti appellati, tbiddel is-sentenza appellata billi tichad ukoll l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti appellati, u prevja dikjarazzjoni li kien hemm ksur tal-iskrittura privata bejn il-partijiet tal-11 ta' Ottubru 1995,tikkundannhom ghall-hlas tal-multa prevista fl-artikolu numru 5 tal-istess, kif dedott fl-avviz imsemmi; bl-ispejjez inkluzi tal-appell prcedenti u tal-prezenti appell kontra l-konvenuti appellati.

Rat ir-risposta ta' Grezzju Farrugia u Mario Farrugia datata 7 ta' Mejju 2007 a fol. 161 tal-process fejn esponew bir-rispett:-

Illi s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar is-27 ta' Marzu 2007 ghandha tigi kkonfermata u dan ghar-ragunijiet hawn taht elenkati:

1. Illi fl-ewwel lok jigi osservat li l-uniku punt li l-ewwel Qorti ippronuncjat ruhha fuqu hija l-kwistjoni jekk l-attur kellux l-interess guridiku biex jipprosegwi b'din il-kawza. Dwar il-mertu, *in vista* li l-ewwel Qorti ddecidiet dwar il-punt procedurali ma ippronuncjatx ruhha u

konsegwentement, ma hemm ebda lok li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell tindaga u tippronuncja ruhha rgward il-mertu, li sal-lum l-ewwel Onorabbli Qorti ghadha ma ppronuncjatx ruhha.

2. Illi minghajr pregudizzju ghat dak gia espost, jigi nnutat illi l-ewwel aggravju jirrelata dwar il-mertu tal-kawza li dwaru ma nghatat l-ebda decizjoni. Illi mill-provi jirrizulta, b'mod ampju u car, li ma kien hemm ebda infrazzjoni ta' l-iskrittura indikata fl-avviz u m'hemmx bizzejjed ragunijiet ghaliex it-talba ghall-hlas ma hiex sostenibbli. Madanakollu, galadarba l-ewwel Qorti ma ippronuncjatx ruhha dwar dan il-punt, il-Qorti tal-Appell ma tistax tiddeciedi dwar dan ilpunt *stante* li l-kawza giet deciza fuq punt purament procedurali u dan kif spjegat aktar 'l fuq.

3. Illi fil-mori tal-kawza, l-attur tilef l-interess guridiku tieghu u konsegwentement ma jistax ikompli bil-prosegwiment tal-kawza. Il-fatt illi d-drittijiet naxxenti mill-iskrittura ghaddew lil uliedu, u dan kif ammess minnu stess, jindika b'mod car li dak kollu relatat ma' dik l-iskrittura, li wara kollox hija l-bazi li fuqha inbniet il-kawza, ma jistax isegwi din il-kawza peress li tilef l-interss.

4. Illi galadarba l-attur ghadda l-interessi tieghu f' din l-ghalqa, kellu mezzi ohra sabiex jissana l-pozizzjoni tieghu izda l-attur appellant naqas milli jiehu dawk il-passi proceduralment ammissibbli.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant. Konsegwentement, is-sentenza appellata ghandha tigi kkonfermata.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras fejn fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2007, peress illi l-Qorti kienet diga` pronunzjat ruhha fil-meritu ghall-kwistjoni ohra f'dan l-appell, asstjeniet milli tiehu konjizzjoni hi ta' dan l-appell, in virtu` ta' artikoli 734 (d) tal-Kap 12.

Rat is-surroga datata 29 ta' Novembru 2007 u l-Qorti kif hekk presjeduta, b' digriet taghha moghti fl-4 ta' Dicembru 2007 irriappuntat dan l-appell ghas-smigh ghat-23 ta' Jannar 2008.

Rat il-verbali tas-seduti u d-digriet ta' din il-Qorti fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-14 ta' Ottubru 2008 u mbaghad ghat-30 ta' Ottubru 2008.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 30 ta' Gunju 2004.

Rat id-dokumenti esebiti kollha.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi dan huwa appell minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 27 ta' Marzu 2007 fejn wara li l-istess Qorti hadhet konjizzjoni tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti datata 27 ta' Gunju 2006 li eccepew li l-attur huwa sprovist mill-interess guridiku u allura ma huwiex il-legittimu kontradittur, ddecidiet li la darba parti tkun ghazlet triq ma tistax tintracca l-passi taghha u taqbad kwalunkwe triq ohra li jidhrilha fic-cirkostanzi, iktar u iktar meta tkun rrinunzjat ghall-talbiet specifici, appellat u hemm allura sentenza definittiva f'dan ir-rigward, u skont il-verbal tas-27 ta' April 2004 il-kawza odjerna kellha tibqa' limitata minn dan il-verbal, u la darba l-art in ezami kienet inghatat bi qbiela lill-kontendenti flimkien fl-1981, u fit-8 ta' Marzu 2006 ulied l-attur gew rikonoxxuti minfloku, allura in vista tal-premess l-attur ma ghandux *"locus standi"* fil-procedura odjerna u allura ma ghandu l-ebda interess guridiku x'jivvanta fil-konfront tal-konvenuti u ghalhekk it-talba rimanenti tal-attur giet michuda bl-ispejjez.

Illi l-aggravji tal-appellant huma li mertu gie ppruvat ghaliex l-izgombru tal-passagg komuni sehh *da parte* tal-konvenuti u b'hekk kien hemm inosservanza tal-paragrafu 5 tal-istess skrittura li jipprospetta hlas ta' multa u ta' penali fil-kaz ta' ksur ta' l-istess, u l-kawza kienet

ibbazata fuq ksur tal-istess skrittura; l-attur dejjem kellu interess guridiku sabiex jaghmel din il-kawza u dan peress li ghalkemm il-kirja tar-raba' mertu tal-kawza odjerna ghadda minghand l-attur ghal uliedu, il-kawza tirrferi ghaz-zmien meta l-attur kien ghadu qed jiddetjeni l-istess art u kull ma qed jitlob l-attur huwa li l-ftehim bejn il-partijiet jigi osservat; l-ahhar aggravju huwa fis-sens li bi-cessjoni li saret favur uliedu din saret bla pregudizzju ghall qasma li kienet saret bejn il-ko-inkwilini u dan apparti li fl-artikolu 4 tal-istess l-attur irriserva favur tieghu d-dritt ta' access fir-raba' u li gie 10% tal-prodott agrikolu.

Illi ghal dan l-appellati rrispondew li l-unika punt li gie deciz kien biss li l-appellant ma ghandhux interess giuridiku; li l-ewwel aggravju huwa dwar il-mertu li l-Qorti ma ddeciditx dwaru; u li fil-mori l-attur tilef interess fil-kawza ghaliex id-drittijiet naxxenti mill-istess skrittura ghaddew fuq ulied l-attur u l-attur ma hax hsieb li jissana l-posizzjoni tieghu lanqas f'din il-kawza.

Illi dwar n-nozzjoni ta' interess guridiku jinghad li dan huwa rekwizit imprexindibbli ta' kull azzjoni li ghandu jkun hemm interess f'min jipproponi l-kawza (**"Emanuel Borg vs Joseph Borg et"** (P.A. (RCP) – 27 ta' April 2006) tant li fis-sentenza "**J Muscat et vs R Buttigieg et**" (27 ta' Marzu 1990 – Vol LXXIV.iii.481) inghad li:-

*"L-interess irid ikun a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta' l-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tieghu: b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief fl-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f'kondizzjoni posittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."*

Illi fil-fatt, fil-kawza "**Emilio Persiano vs Il-Kummissarju tal-Pulizija fil-kwalita` tieghu bhala Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni"** (P.A. (JRM) - 18 ta' Jannar 2001), il-Qorti qalet hekk:-

*"Illi ghal bosta snin il-Qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru nteress ta' l-attur f'kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B' ta' l-ewwel, wiehed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu mqar iz-zerriegha ta' l-ezistenza ta' jedd u l-htiega li tilqa' ghal kull attentat ta' ksur tieghu minn haddiehor. Dan l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku [ara per ezempju, Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Falzon Sant Manduca vs Weale**", maqtugha fid-9 ta' Jannar 1959, Kollezz. Vol XLIII.i.I].*

*Illi minbarra dawn l-elementi, gie mfisser ukoll li biex wiehed ikollu interess li jiftah kawza, dak l-interess (jew ahjar, il-motiv) tat-talba ghandu jkun konkret u jezisti fil-konfront ta' dak li kontra tieghu t-talba ssir [ara, per ezempju, sentenza ta' din il-Qorti (PASP) moghtija fit-13 ta' Marzu 1992, fil-kawza fl-ismijiet "**Francis Tonna vs Vincent Grixti**", Kollezz. Vol LXXV1.iii.592]."*

Illi fis-sentenzi **"M Bond vs C Mangion et"** u **"A Calleja vs O Micallef"** (1 ta' April 1992 – Vol LXXVI.ii.247) gie spjegat li:-

*"Fost ir-rekwiziti ta' l-interess guridiku hemm dak li l-istess irid ikun attwali, cioe` dak li Mortara jiddefinixxi bhala "la utilita` finale della domanda giudiziale sul tema dell'asserita esistenza e violazione di un diritto". Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz jew utili ghal min jipproponiha jew jekk ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista' jigi uzufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta."*

Illi fis-sentenza mbaghad tas-17 ta' Frar 1993, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet "**Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard**" qalet li:-

*"L-interess guridiku, huwa risaput, irid jissussisti matul il-hajja ta' l-azzjoni. Meta dan l-interess tal-kumpanija attrici naqas, il-konsegwenza immedjata hija li l-konvenut ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju. Il-Qorti,*

*da parti taghha, ma tistax tkompli bil-gudizzju sakemm il-konvenut stess ma jurix li huwa ghandu nteress guridiku li jottjeni sentenza kontra l-attur, li dak l-interess m'ghandux."*

Illi din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza: "**Micallef vs Pisani**" qalet:-

*"Illi l-Qrati taghna fissru wkoll li l-interess ta' parti li tiftah kawza jrid jibqa' jintwera tul il-kawza kollha ghaliex jekk tali nteress jigi nieqes, il-kawza ma tkunx tista' tissokta".*

Illi dan il-principju gie kkonfermat fil-kawza fl-ismijiet **"George Laferla et vs Joseph Lauri *et nomine*"** (P.A. (TM) 2 ta' Mejju 2002) fejn inghad li:-

*"Huwa risaput li l-interess ta' l-attur f'kawza jrid jibqa jissussisti matul il-hajja ta' l-azzjoni, ghaliex jekk tali interess jigi nieqes il-kawza ma tkunx tista' tissokta (ara "Calleja vs Micallef" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' April, 1992, u "Sammut vs Attard" deciza wkoll mill-istess Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Frar 1993)".*

Illi fis-sentenza **"Onor. E. Fenech Adami vs Dr. George Abela et"** (A.C. (JSP) – 6 ta' Ottubru 1999 – Vol. LXXXIII. Ii.331) l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sostniet:-

*"Illi d-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta' interess guridiku hija dik tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa 'l'utilita' finale della domanda giudiziale nel tema dell'asserita esistenza o violazione del diritto'. Illi ghalkemm fis-sistema taghna tista' tinghata dikjaratorja huwa rekwizit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-bazi li bih l-attur ikun jista' jippromwovi u jitlob l-accertament tieghu permezz ta' l-awtorita' gudizzjarja".*

Illi hekk ukoll fis-sentenza **"Alexander Eminyan vs John Mousu' pro et noe et"** (A.C. 28 ta' Frar 1997 - Vol. LXX1. ii.429) l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sostniet li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun

personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbuziv u llegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir. Illi l-istess dikjarazzjonijiet gew affermati fis-sentenza fl-ismijiet **"Saviour Scerri et vs Salvu Farrugia et"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002 u **"Simon Debono vs H.S.B.C. p.l.c."** (P.A. (RCP) – 27 ta' Gunju 2002).

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta li d-decizjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti tas-27 ta' Marzu 2007 laqghet l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti li l-attur ma ghandux *locus standi* u lanqas interess guridiku peress li qalet li la darba parti fil-kawza tkun ghazlet triq ma tistax taqbad triq ohra specjalment meta rrinunzjat ghal-talbiet spefici, u konxja li hija limitata ghall-verbal tas-27 ta' April 2004, isegwi li la darba jidher li l-art inghatat bil-qbiela lill-kontendenti fl-1981, u rrizulta li fit-8 ta' Marzu 2006, ulied l-atturi gew rikonoxxuti minfloku, allura l-attur ma ghandux *locus standi* u l-ebda interess guridiku.

Illi wara li rat l-atti kollha tal-kawza din il-Qorti thoss li l-appell ghandu jigi milqugh u dan ghaliex l-attur ghandu interess guridiku f'din il-kawza. Fil-fatt jirrizulta li l-azzjoni attrici kienet ibbazata fuq l-iskrittura privata bejn il-kontedenti datata 11 ta' Ottubru 2005 permezz ta' liema l-kontraenti qasmu informalment l-art lilhom imqabbla u rregolaw l-uzu ta' passagg komuni fil-paragrafi 4 u 5 tal-istess skrittura.

Illi l-attur jallega li l-allegat zgombru tal-istess passagg sehh mit-13 ta' Frar 2003 sa Frar tas-sena 2004, meta allura l-attur kien ghad ghandu titolu ta' qbiela fuq l-istess art, liema titolu gie trasferit lill-uliedu kif indikat fl-iskrittura privata datata 31 ta' Mejju 2006, u l-istess ulied l-attur gew rikonuxxuti mis-sid flok missierhom mis-sid biss b'effett mit-8 ta' Marzu 2006 (Frank Mizzi – 25.10.2006) u b'dan l-konvenuti gew formalment informati b'tali cessjoni ta' drittijiet b'ittra ufficjali datata 15 ta' Gunju 2006.

Illi fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li la darba l-kawza odjerna baqghet wara l-verbal tal-attur tas-27 ta'

April 2004 tissussisti fil-kuntest tat-tieni talba ghall-hlas ta' penali ta' Lm1,000, skond il-paragrafu 5 tal-iskrittura datata 11 ta' Ottubru 2005, minhabba l-ksur tal-ftehim kif allegat (sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Marzu 2005), u ladarba din allegatament bdiet is-sehh fis-sena 2003, meta l-attur kien ghadu qed jokkupa l-art bi qbiela, mela allura din il-Qorti thoss li l-istess attur ghal din il-kawza ghandu interess guridiku sabiex jmexxi u jibqa' jinsisti fuq din l-azzjoni.

Illi mhux hekk biss izda fl-iskrittura privata datata 31 ta' Mejju 2006, ezattament f'paragrafu 7 ta' l-istess, jinghad testwalment li d-drittijiet litiguzi inkonnessjoni ma' proprju din il-kawza Avviz Numru 97/2003, ghandhom jibqghu u huma tal-attur u martu (fol.144). F'dan il-kuntest ma hemm l-ebda dubju li l-attur ghandu interess guridiku u l-appell qed jigi milqugh fuq din il-bazi.

Illi ghalhekk ghall dawn ir-ragunijiet jirrizulta li l-attur ghandu l-interess guridiku necessarju sabiex jippersisti fit-talba tieghu ghaliex ghandu l-interess li huwa guridiku, dirett u personali w attwali, liema interess jidher li jezisti fil-konfront tal-konvenuti, liema interess baqa' ukoll hekk konstanti tul il-procediment ta' din il-kawza, u liema interess certament li jsarraf ruhu f'rizultat vantagjuz ghal min ikun ittenta l-azzjoni, f'dan il-kaz l-attur odjern, li rrizerva wkoll favur tieghu drittijiet litiguzi f'din il-kawza **("Emilio Persiano vs Kummissarju tal-Pulizija"** - P.A. (JRM) 18 ta' Jannar 2001; **"Falzon Sant Manduca vs Weale" -** 9 ta' Jannar 1959 - XLIII.i.1; **"Francis Tonna vs Vincent Grixti" –** P.A. (JSP) 13 ta' Marzu 1992 – LXXVI.iii.592; **"Lawrence Farrugia vs Joseph Fava"** – A.C. 18 ta' Mejju 1995).

Illi ladarba l-istess decizjoni ta' l-Ewwel Qorti ddecidiet biss dan il-punt u la darba laqghatu ma dahlitx fil-mertu dwar jekk verament kienx hemm mil-ksur tal-ftehim vantat li jaghti lok ghal-pretensjoni tal-hlas tas-somma ta' Lm1,000, din il-Qorti thoss li dan jiddependi fuq apprezzament ta' provi, li ghandhu jigi l-ewwel deciz mill-Ewwel Qorti, biex il-kontendenti ma jitilfux id-dritt tad-

*doppio esame* anke kif gie ritenut fis-sentenza tas-16 ta' Marzu 2003 ta' din il-Qorti f'din il-kawza.

Ghalhekk din il-Qorti tilqa' l-appell interpost billi thassar is-sentenza appellata u tirrimetti lura l-process lill-Ewwel Qorti ghat-trattazzjoni u decizjoni tal-mertu fuq indikat.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi **filwaqt li tilqa' l-appell interpost fis-sens hawn deciz**, b'dan li thassar is-sentenza appellata tas-27 ta' Marzu 2007, tirrimetti lura l-process lill-Ewwel Qorti ghat-trattazzjoni u decizjoni tal-mertu tal-kunsiderazzjonijiet dwar il-mertu fuq indikati.

L-ispejjez ta' dan l-appell huma a karigu tal-konvenuti appellati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------